



Dokument ta' sessjoni

A9-0051/2024

22.2.2024

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (0000/2024 – C9-0000/2024 – 2023/0201(APP))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Jan Olbrycht, Margarida Marques

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
ANNEX 1: ABBOZZ TA' REGOLAMENT TAL-KUNSILL LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE, EURATOM) 2020/2093 LI JISTABILIXXI L-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI GĦAS-SNIN MILL-2021 SAL-2027	6
ANNEX 2: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI DWAR L-UŻU MILL-ĠDID TA' FONDI DIŻIMPENJATI FIR-RIGWARD TAL-PROGRAMM TA' RIĊERKA	29
ANNEX 3: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM	30
PROCĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	31
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	32

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (0000/2024 – C9-0000/2024 – 2023/0201(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (05818/2024),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 312(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0030/2024),
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM(2021)0337),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2023 dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 92 u l-Artikolu 105(1) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0051/2024),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill kif stabbilit fl-anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Testi adottati, P9_TA(2023)0335.

**ANNEX 1: ABOZZ TA' REGOLAMENT TAL-KUNSILL LI JEMENDA R-
REGOLAMENT (UE, EURATOM) 2020/2093 LI JISTABILIXXI L-QAFAS
FINANZJARJU PLURIENNALI GĦAS-SNIN MILL-2021 SAL-2027**

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2024/...

ta' ...

**li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabilixxi l-qafas finanzjarju
pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew²,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

² Approvazzjoni tas-27 ta' Frar 2024 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni ppreżentat rieżami tal-funzjonament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin mill-2021 sal-2027 stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093³ wara l-ewwel snin ta' implimentazzjoni tiegħu, inkluż valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-limiti massimi tan-nefqa.
- (2) Minn Diċembru 2020 s'issa, l-Unjoni ffaċċjat sensiela ta' sfidi mingħajr preċedent u li ma kinux mistennija. L-Unjoni aġixxiet malajr u użat il-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha, iżda l-flessibbiltà baġitarja limitata inkorporata fil-QFP għas-snin 2021-2027 hija kważi eżawrita, u dan inaqqas il-kapaċità tal-baġit tal-Unjoni li jindirizza anke l-aktar sfidi urġenti.
- (3) Fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-QFP intużaw b'mod estensiv strumenti speċjali biex jiġu indirizzati diversi sfidi. Tippersisti l-ħtieġa li tittieħed aktar azzjoni, filwaqt li l-bilanċi baġitarji biex jiġu kkonfrontati sitwazzjonijiet bħal dawn matul il-bqija tal-perjodu tal-QFP huma limitati.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sa 2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

- (4) Jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni jippermetti lill-Unjoni tipprovdri r-risponsi politiċi meħtieġa għall-isfidi emerġenti u tissodisfa l-obbligi legali li ma jistgħux jiġu akkomodati fil-limiti massimi eżistenti u lanqas b'flessibilità eżawrita. Il-limiti massimi tan-nefqa f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Intestaturi 1, 2, 3, 4, 5 u 6 jenħtieġ li jiġu modifikati għas-snin 2024, 2025, 2026 u 2027. B'riżultat ta' dan, filwaqt li l-limiti massimi tan-nefqa fl-appropriazzjonijiet ta' pagament jistgħu jinżammu fil-livelli attwali tagħhom, jenħtieġ li l-limitu massimu f'approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Istrument ta' Marġni Uniku għall-2026 jiġi aġġustat biex jiġi evitat ir-riskju ta' xogħol b'lura. Barra minn hekk, l-ammont totali ta' allokkazzjonijiet addizzjonali skont l-aġġustament speċifiku għall-programm previst fl-Artikolu 5 kif ukoll it-tabella relatata fl-Anness II tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 jenħtieġ li jiġu mmodifikati.
- (5) Jenħtieġ li jiġu mmodifikati wkoll l-ammonti għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.
- (6) Il-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna gābet il-gwerra lura fit-territorju Ewropew. L-Unjoni ser tkompli tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn u ser tgħinha bis-sħiħ fil-perkors Ewropew tagħha. Għal dak l-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2024 /... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁺ bħala r-rispons tal-Unjoni biex tappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna, filwaqt li tappoġġa l-isforz tar-riforma tal-Ukrajna bħala parti mit-triq tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni (il-“Faċilità għall-Ukrajna”).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' dwar l-istabbiliment tal-Faċilita' għall-Ukrajna (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 10/24 (2023/0200(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

- (7) Minħabba l-inċertezzi marbuta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, jenħtieġ li l-Faċilità għall-Ukrajna tkun strument flessibbli biex tippovdi l-forma u l-livell adegwati ta' appoġġ sal-2027. Jenħtieġ li l-appoġġ taħt il-Faċilità għall-Ukrajna jiġi pprovdut fil-forma ta' self, appoġġ mhux ripagabbli u proviżjonament għal garanziji baġitarji.
- (8) Għall-parti tal-appoġġ tal-Faċilità għall-Ukrajna pprovdut fil-forma ta' self, huwa xieraq li l-garanzija tal-baġit eżistenti tal-Unjoni tiġi estiża sal-2027 biex tkopri l-assistenza finanzjarja li ssir disponibbli għall-Ukrajna. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu mobilizzati l-appropriazzjonijiet meħtieġa fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna disponibbli sa tmiem l-2027. Minbarra li tkopri l-għajjnuna finanzjarja fuq terminu qasir lill-Ukrajna kif diġà previst fir-Regolament (UE) 2022/2463, jenħtieġ li l-garanzija tal-baġit tal-Unjoni tkopri l-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna għal ammont sa massimu ta' EUR 33 biljun kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2024/.....⁺.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 10/24 (2023/0200(COD)).

- (9) Għall-parti tal-appoġġ tal-Faċilità għall-Ukrajna pprovdut fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli u proviżjonament ta' garanziji baġitarji, jenħtieġ li l-appropriazzjonijiet jiġu pprovduti permezz ta' strument tematiku speċjali ġdid ir-“Riżerva għall-Ukrajna”. Jenħtieġ li l-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti jiġu mobilizzati kull sena fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP. Għall-iżvilupp ordnat tan-nefqa li għandha tiġi pprogrammata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/...⁺ u b'mod partikolari fid-dawl tal-ammonti li għandhom jiġu stabbiliti fil-Pjan għall-Ukrajna, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-ammonti massimi globali u annwali li jistgħu jkunu disponibbli għar-Riżerva għall-Ukrajna matul il-perjodu mill-2024 sal-2027. Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni sħiħa u flessibbiltà bejn is-snin, f'konformità mal-ammont globali, jenħtieġ li jkun possibbli li jintuża fis-snin ta' wara sal-2027 il-porzjon mhux użat tal-ammont annwali f'sena partikolari, flimkien mal-ammont annwali massimu għas-sena rilevanti.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 10/24 (2023/0200(COD)).

- (10) Mill-2022 'il quddiem, l-Unjoni u l-biċċa l-kbira tal-ekonomiji ewlenin raw żieda qawwija fir-rati tal-imgħax għall-emittenti kollha tal-bonds, inkluża l-Unjoni. B'riżultat ta' dan, il-kostijiet għall-finanzjament tas-self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru NextGenerationEU ("EURI") li jridu jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni skont l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053⁵ huma mistennija jaqbżu l-istimi inizjalment ipprogrammati taħt il-limiti massimi tal-QFP fiż-żmien tal-adozzjoni tiegħu f'Diċembru 2020, li kienu ta' EUR 2 332 miljun fl-2025 (fi prezzijiet tal-2018), EUR 3 196 miljun fl-2026 (fi prezzijiet tal-2018) u EUR 4 168 miljun fl-2027 (fi prezzijiet tal-2018) rispettivament.
- (11) Minħabba l-inċertezza marbuta mal-evoluzzjoni futura tar-rati tal-imgħax f'ċirkostanzi tas-suq li dejjem qed jevolvu, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' self globali għall-finanzjament tal-programmi attwali tal-Unjoni li huma ffinanzjati mill-EURI, huwa xieraq li, bħala parti mid-dispożizzjonijiet meħtieġa biex il-proċedura baġitarja annwali taħdem mingħajr xkiel u biex jiġi żgurat li l-mezzi finanzjarji jkunu disponibbli sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi legali tagħha, jiġi stabbilit strument eċċezzjonali u temporanju, limitat għad-durata tal-QFP attwali, biex jiġu koperti l-kostijiet tal-finanzjament għal self tal-EURI li jaqbżu l-ammonti inizjalment ipprogrammati. Jenħtieġ li jinholq strument speċjali tematiku ġdid - "Strument tal-EURI" - li jkollu l-għan uniku li jkopri l-qbiż tal-kostijiet li jkunu pendenti. Jenħtieġ li dan l-istrument ikun eċċezzjonali u ma jistax iservi bħala preċedent għal arranġamenti futuri għall-Oqfsa Finanzjarji Plurienali ta' wara l-2027, b'mod partikolari biex jiġu koperti l-kostijiet tal-pagamenti tal-imgħax tal-fondi mislufa fuq is-swieq għall-finanzjament tal-EURI.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

- (12) Jenħtieġ li l-Istrument tal-EURI jiġi mobilizzat mill-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali, f'każ ta' ħtieġa biss. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja, jenħtieġ li jiġi mobilizzat wara li jkunu ġew ikkunsidrati possibbiltajiet oħra ta' finanzjament, inkluż permezz ta' spazju maħluq mill-implimentazzjoni baġitarja tal-programmi u l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid kif ukoll strumenti speċjali mhux tematiċi, biex tiġi koperta parti sostanzjali tal-ammonti meħtieġa li jaqbżu l-ammonti inizjalment miktubin fil-linja baġitarja eżistenti tal-EURI tal-Intestatura 2b, sa fejn ikun possibbli, bil-ħsieb li jiġi mobilizzat ammont ekwivalenti għal madwar 50 % tal-kostijiet żejda marbuta mal-pagamenti tal-imgħax tal-EURI bħala parametru referenzjarju. Dan ser isir f'konformità mar-regoli settorjali applikabbli u ma' obbligi legali oħra u b'kont meħud tal-prijoritajiet, l-ibbaġitjar prudenti u l-ġestjoni finanzjarja tajba, li b'mod partikolari jeħtieġu marġini ta' sigurtà xierqa għal nefqa mhux prevista. Pakketti nazzjonali tal-Istati Membri li ġew impenjati legalment, b'mod partikolari dawk taħt il-Politika Agrikola Komuni u l-politika ta' koeżjoni, mhux ser jiġu affettwati. Jenħtieġ li l-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti tal-Istrument tal-EURI fil-baġit tal-Unjoni jkunu disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP. Skont l-Istrument tal-EURI, jenħtieġ li l-ewwel jintuża ammont ekwivalenti għad-diżimpenji ta' appropriazzjonijiet, minbarra d-dħul assenjat estern, li jkunu saru mill-bidu tal-QFP. Jenħtieġ li l-ammonti tad-diżimpenji li jkunu reġġu saru disponibbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti eżistenti ma jiġux ikkunsidrati. Jenħtieġ li l-ammont disponibbli ta' diżimpenji għall-Istrument tal-EURI jiġi kkalkulat kull sena bħala parti mill-aġġustament tekniku għall-QFP, filwaqt li jiġu ppreżentati b'mod ċar id-disponibbiltajiet globali u l-ammonti li jkunu diġà ġew ikkunsidrati fil-mobilizzazzjonijiet preċedenti tal-Istrument tal-EURI. Fis-sitwazzjoni mhux mistennija fejn qbiż ikun għadu pendenti, l-ammont addizzjonali meħtieġ biex il-kostijiet jiġu ffinanzjati bis-sħiħ jenħtieġ li jiġi mobilizzat taħt l-Istrument EURI bħala garanzija ta' kontinġenza bħala l-aħħar alternattiva. Jekk, b'mod eċċezzjonali, Stat Membru wieħed jew aktar iqisu li jkun hemm tħassib serju bil-mobilizzazzjoni ta' din il-garanzija ta' kontinġenza, huma jistgħu jitolbu lill-President tal-Kunsill Ewropew biex jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill Ewropew li jkun imiss. Bħala regola, jenħtieġ li dan il-proċess ma jdumx aktar minn xahar u jenħtieġ li jkun jirrispetta bis-sħiħ il-prerogattivi tal-istituzzjonijiet kif stabbiliti fit-Trattati.

- (13) Fid-dawl tad-diżastri naturali li seħħew fl-Istati Membri u f'pajjiżi involuti fin-negozjati għall-adeżjoni mal-Unjoni, u tad-diżastri naturali u l-kriżijiet umanitarji f'pajjiżi terzi u sabiex jiġi żgurat finanzjament adegwat għat-tnejn li huma, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza tissaħħaħ u tinqasam f'żewġ strumenti separati: ir-“Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea” biex jingħata appoġġ lill-pajjiżi u lir-reġjuni milqutin taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002⁶ u r-“Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza” biex jingħataw rinforzi baġitarji lill-programmi rilevanti tal-Unjoni b'reazzjoni għall-kriżijiet u l-emerġenzi fl-Unjoni u lil hinn minnha.
- (14) Jenħtieġ li l-Istrument ta' Flessibbiltà jissaħħaħ sabiex tinżamm biżżejjed kapacià biex l-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti sal-2027. L-ammonti li jkunu skadew mir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea u mir-Riżerva ta' Għajjnuna ta' Emerġenza jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà mill-2024.
- (15) Fid-dawl ta' dawn l-avvenimenti mhux mistennija u l-isfidi l-ġodda, huwa meħtieġ li jiġi rivedut il-QFP u għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 jiġi emendat skont dan.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

- (16) L-emendi għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 huma mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jiġu rispettati l-limiti massimi tar-riżorsi proprji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.
- (17) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li japplika, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2024,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fejn ikun meħtieġ li jintużaw ir-riżorsi mill-istrumenti speċjali previsti fl-Artikoli 8, 9, 10, 10a, 10b u 12, l-appropriazzjonijiet ta' impenn u appropriazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu magħhom għandhom jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi rilevanti tal-QFP.”;

(b) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li jmiss:

“Fejn ikun meħtieġ li tiġi mobilizzata garanzija għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna li tkun disponibbli għas-snin mill-2024 sal-2027 għal ammont globali ta' self sa EUR 33 000 miljun fil-prezzijiet attwali kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*⁺ u tiġi awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 220(1) tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont meħtieġ għandu jiġi mobilizzat lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

* Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'...dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, ..., ELI: ...).”;

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 10/24 (2023/0200(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

- (2) fl-Artikolu 4(1), jiżdiedu l-punti li ġejjin:
- “(f) kalkolu tal-ammont disponibbli għall-Istrument tal-EURI f’konformità mal-Artikolu 10a(3), il-punt (a);
 - (g) kalkolu tal-ammonti li għandhom ikunu disponibbli għall-Istrument ta’ Flessibilità skont l-Artikolu 12(1), it-tieni subparagrafu.”;
- (3) fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “L-ammont totali ta’ allokkazzjonijiet addizzjonali għall-perijodu 2022 sa 2027 għal approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament rispettivament għandu jkun EUR 10 155 miljun (fi prezzijiet tal-2018). Għal kull sena mill-2022 sal-2026, l-ammont annwali ta’ allokkazzjonijiet addizzjonali għal approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament rispettivament għandu jkun mill-inqas EUR 1 500 miljun (fi prezzijiet tal-2018) u m’għandux jaqbeż l-EUR 2 000 miljun (fi prezzijiet tal-2018).”;

(4) l-Artikoli 8 u 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

1. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li l-oġġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018).
2. L-approprijazzjonijiet għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandhom jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dispożizzjoni.

Artikolu 9

Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza

1. Ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza għandha tkun magħmula minn żewġ strumenti li jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw, rispettivament:
 - (a) assistenza biex jingħata rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri kbar li huma koperti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li l-oġġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002** (“ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea”); u

- (b) risponsi rapidi għal ħtiġijiet speċifiċi ta' emerġenza fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi wara avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti meta ġie stabbilit il-baġit, b'mod partikolari għal risponsi ta' emerġenza u operazzjonijiet ta' appoġġ wara diżastri naturali mhux koperti mill-punt (a), diżastri kkawżati mill-bniedem, kriżijiet umanitarji f'każijiet ta' theddid għas-saħħa pubblika, theddid veterinarju jew theddid fitosanitarju fuq skala kbira, kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari fil-fruntieri esterni tal-Unjoni li tirriżulta mill-flussi migratorji, fejn iċ-ċirkostanzi jkunu jitolbu dan (ir-“Riżerva ta' Għajnuna ta' Emerġenza”).
2. Ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea ma għandhiex taqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 1 016 miljun (fi prezzijiet tal-2018). Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mhux użat fis-sena n jista' jintuża sas-sena n+1. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jintuża l-ewwel. Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi.
- Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart tal-ammont annwali tar-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għandu jibqa' disponibbli biex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu sal-aħħar tas-sena.

F'każijiet eċċezzjonali u jekk ir-riżorsi finanzjarji li jifdal disponibbli ma jkunux biżżejjed biex jiġu koperti l-ammonti meqjusa bħala meħtieġa fis-sena meta jkun seħħ diżastru kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), il-Kummissjoni tista' tipproponi li d-differenza tiġi ffinanzjata permezz tal-ammonti annwali msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu disponibbli fis-sena ta' wara, sa ammont massimu ta' EUR 400 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

3. Ir-Riżerva ta' Għajnuna ta' Emerġenza ma għandhiex taqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 508 miljun (fi prezzijiet tal-2018). Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mhux użat fis-sena n jista' jintuża sas-sena n+1. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jintuża l-ewwel. Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi.
4. L-appropriazzjonijiet għar-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea u għar-Riżerva ta' Għajnuna ta' Emerġenza għandhom jiddaħħlu fil-baġitt ġenerali tal-Unjoni bħala dispożizzjonijiet.

* Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).”;

(5) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “2. Ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ma għandhiex taqbeż ammont ta' EUR 4 491 miljun (fi prezzijiet tal-2018).”;

(6) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*“Artikolu 10a
Strument tal-EURI*

1. Mill-2025, l-Istrument tal-EURI jista' jintuża biex tiġi ffinanzjata, għal sena partikolari, parti mill-kostijiet tal-imgħax u l-pagamenti tal-kupuni dovuti fir-rigward tal-fondi mislufa fuq is-swieq kapitali f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053*. L-Istrument tal-EURI jista' jiġi mobilizzat biss f'sena partikolari, sal-punt speċifikat fil-paragrafi li ġejjin, l-ammont ta' dawn il-kostijiet li jaqbeż l-ammonti li ġejjin (fi prezzijiet tal-2018):
 - 2025 – EUR 2 332 miljun,
 - 2026 – EUR 3 196 miljun,
 - 2027 – EUR 4 168 miljun.
2. L-Istrument tal-EURI jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 tat-TFUE, biss wara li jkunu fittxew mezzi oħra ta' finanzjament, bil-ħsieb li jkopru parti sostanzjali tal-ammonti li jaqbeż l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mar-regoli settorjali applikabbli u obbligi legali oħra, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet, l-ibbaġitjar prudenti u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

L-approprjazzjonijiet għall-Istrument tal-EURI għandhom ikunu disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

3. L-Istrument tal-EURI għandu jkun magħmul minn dan li ġej:

- (a) ammont ekwivalenti għad-diżimpenji tal-approprjazzjonijiet, minbarra d-dħul assenjat estern, li jkunu saru b'mod kumulattiv mill-2021, li ma jkunux ġew mobilizzati taħt dan l-Istrument fis-snin preċedenti, bl-esklużjoni tal-ammonti ta' diżimpenji li jkunu reġgħu saru disponibbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju u regoli speċifiċi dwar id-disponibbiltà mill-ġdid tal-approprjazzjonijiet kif imsemmi fl-atti bażiċi rilevanti. Dan l-ammont għandu jintuża l-ewwel;
- (b) f'każ biss jekk l-ammont taħt il-punt (a) ta' dan il-paragrafu ma jkunx biżżejjed, ammont addizzjonali meħtieġ biex jiġu ffinanzjati kompletament il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fis-sena kkonċernata.

Kull sena, bħala parti mill-aġġustamenti tekniċi msemmija fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont disponibbli abbażi tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu filwaqt li tqis l-ammonti kkunsidrati għal dak l-għan fis-snin preċedenti.

Artikolu 10b

Riżerva għall-Ukrajna

1. Ir-Riżerva għall-Ukrajna tista' tiġi mobilizzata għall-iskop uniku li tiġi ffinanzjata n-nefqa taħt ir-Regolament (UE) 2024/....⁺.
2. Ir-Riżerva għall-Ukrajna ma għandhiex taqbeż l-ammont ta' EUR 17 000 miljun fi prezzijiet attwali għall-perjodu mill-2024 sal-2027.
3. L-ammont annwali mobilizzat taħt ir-Riżerva għall-Ukrajna f'sena partikolari ma għandux jaqbeż EUR 5 000 miljun fi prezzijiet attwali. Mingħajr preġudizzju għall-ammont globali stabbilit fil-paragrafu 2, il-porzjon mhux użat tal-ammont annwali f'sena partikolari jista' jintuża fis-snin ta' wara, sal-2027.
4. Ir-Riżerva għall-Ukrajna tista' tiġi mobilizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE.

* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).”;

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 10/24 (2023/0200(COD)).

(7) fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. L-ammont massimu għall-aġġustament annwali msemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu għas-sena 2026, miżjud bl-ammont imsemmi, fl-Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu, għandu jiġi aġġustat bl-ammont ekwivalenti għall-porzjon mhux użat tal-ammont massimu għas-sena 2025.”;

(8) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 12

Strument ta’ Flessibilità

1. L-Istrument ta’ Flessibilità jista’ jintuża biex tiġi ffinanzjata, għal sena finanzjarja partikolari, nefqa speċifika mhux prevista f’approprjazzjonijiet ta’ impenn u approprjazzjonijiet ta’ pagament li jikkorrispondu magħhom li ma jistgħux jiġu ffinanzjati fil-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda oħra jew aktar. Il-limitu massimu għall-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta’ Flessibilità fis-snin 2021 sa 2023 għandu jkun ta’ EUR 915 miljun (fi prezzijiet tal-2018). Il-limitu massimu għall-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta’ Flessibilità fis-snin 2024 sa 2027 għandu jkun ta’ EUR 1 346 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

Kull sena, l-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta’ Flessibilità għandu jiżdied b’ammont ekwivalenti għall-porzjonijiet tal-ammonti annwali għar-Riżerva ta’ Solidarjetà Ewropea u r-Riżerva ta’ Għajnuna ta’ Emerġenza li jkunu skadew fis-sena preċedenti f’konformità mal-Artikolu 9.

2. Il-porzjon mhux użat tal-ammont annwali tal-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jintuża sas-sena n+2. Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-snin preċedenti għandu jintuża l-ewwel, f'ordni kronoloġika. Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax sas-sena n+2 għandu jiskadi.”;

(9) L-Annessi I u II huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

“ANNESS I

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (EU-27)

(EUR miljun – prezzijiet tal-2018)

APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2021-2027
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	19 712	20 211	19 678	19 178	18 173	18 120	17 565	132 637
2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	5 996	62 642	63 525	65 079	65 184	56 675	58 680	377 781
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	1 666	56 673	57 005	57 436	57 772	48 302	48 937	327 791
2b. Reżiljenza u Valuri	4 330	5 969	6 520	7 643	7 412	8 373	9 743	49 990
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	53 562	52 626	51 893	51 013	49 914	48 734	47 960	355 702
li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	38 040	37 544	36 857	36 054	35 283	34 602	33 886	252 266

(EUR miljun – prezizzjiet tal-2018)

APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2021-2027
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	1 687	3 104	3 454	3 569	4 083	4 145	4 701	24 743
5. Sigurtà u Difiża	1 598	1 750	1 762	2 112	2 277	2 398	2 576	14 473
6. Il-Viċinat u d-Dinja	15 309	15 522	14 789	14 500	14 192	13 326	13 447	101 085
7. L-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	10 021	10 215	10 342	10 454	10 554	10 673	10 843	73 102
li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 742	7 878	7 945	7 997	8 025	8 077	8 188	55 852
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	107 885	166 070	165 443	165 905	164 377	154 071	155 772	1 079 523
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT	154 065	153 850	152 682	151 436	151 175	151 175	151 175	1 065 558

ANNEX II

AĠĠUSTAMENT SPEĊIFIKU GĦALL-PROGRAMM – LISTA TA’ PROGRAMMI, KOEFFIĊJENT TAD-DISTRIBUZZJONI U ALLOKAZZJONI ADDIZZJONALI TOTALI TA’ APPROPRIJAZZJONIJET TA’ IMPENN

(EUR miljun – prezzijiet tal-2018)

		Koeffiċjent tad-distribuzzjoni		Allokazzjoni addizzjonali totali ta’ approprijazzjonijiet ta’ impenn skont l- Artikolu 5
		2022-2024	2025-2027	
1.	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	36,36 %	41,79 %	4 000
	Orizzont Ewropa	27,27 %	31,34 %	3 000
	Fond InvestEU	9,09 %	10,45 %	1 000
2b.	Reżiljenza u Valuri	54,55 %	47,76 %	5 155
	Programm I-UE għas-Saħħa	26,37 %	15,37 %	2 055
	Erasmus+	15,46 %	17,77 %	1 700
	Ewropa Kreattiva	5,45 %	6,26 %	600
	Drittijiet u Valuri	7,27 %	8,36 %	800
4.	Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	9,09 %	10,45 %	1 000
	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri	9,09 %	10,45 %	1 000
TOTAL		100,00 %	100,00 %	10 155

”

ANNEX 2: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI DWAR L-UŻU MILL-ĠDID TA' FONDI DIŻIMPENJATI FIR-RIGWARD TAL-PROGRAMM TA' RIĊERKA

Fid-Dikjarazzjoni Konġunta tat-22 ta' Diċembru 2020 dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati fir-rigward tal-programm ta' riċerka¹, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jerġgħu jagħmlu disponibbli għall-benefiċċju tal-programm ta' riċerka approprijazzjonijiet ta' impenn, li jikkorrispondu għall-ammont sa EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) fil-perjodu 2021-2027 ta' diżimpenji, li jirriżulta minn nuqqas totali jew parzjali ta' implimentazzjoni ta' proġetti li jappartjenu għall-dak il-programm jew il-predeċessor tiegħu, kif previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali u għas-setgħat tal-Kummissjoni biex timplimenta l-baġit, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li ammont ieħor ta' EUR 100 miljun (prezzijiet tal-2018) ser jerġa' jsir disponibbli għall-benefiċċju tal-programm ta' riċerka fil-perjodu mill-2025 sal-2027, li jikkorrispondi għal diżimpenji magħmula fl-2019 sal-2020 li jirriżultaw minn nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti li jappartjenu għal dak il-programm jew il-predeċessor tiegħu li ma reġgħux saru disponibbli skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju wara d-dikjarazzjoni konġunta tat-22 ta' Diċembru 2020. Dan ma jaffettwax l-ammonti disponibbli ta' diżimpenji għall-Istrument tal-EURI msemmi fl-Artikolu 10a tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

¹ Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati fir-rigward tal-programm ta' riċerka 2020/C 444 I/03, ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 3.

ANNEX 3: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteurs jiddikjaraw li rċevew kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Spanish Presidency of the Council of the EU
Belgian Presidency of the Council of the EU
European Union Agency for Asylum
European Commission - DG BUDG
European Commission - DG NEAR
European Commission - DG INTPA
European Commission - DG ECHO
European Investment Bank
Finnish Parliament delegation
Swedish Ministry for EU Affairs
Permanent Representation of the Slovak Republic to the EU
The EU Affairs Committee of the German Bundestag
Head of the Europe Department, German Ministry of Finance
European Committee of the Regions
The European Economic and Social Committee (EESC)
U.S. Department of the Treasury
Permanent Representation of Poland to the European Union
ONE campaign
Head of European Government Affairs, Global Government Affairs

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteurs.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027	
Referenzi	05818/2024 – C9-0030/2024 – 2023/0201(APP)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Jan Olbrycht 28.6.2023	Margarida Marques 28.6.2023
Data tal-adozzjoni	22.2.2024	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 2 0: 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pietro Bartolo, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Pascal Durand, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Valentino Grant, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Fabienne Keller, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Camilla Laureti, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Andrey Novakov, Dimitrios Papadimoulis, Bogdan Rzońca, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Angelika Winzig	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Ana Collado Jiménez, Francisco Guerreiro, Petri Sarvamaa	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Grapini	
Data tat-tressiq	22.2.2024	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

25	+
ECR	Bogdan Rzońca
ID	Valentino Grant
PPE	Ana Collado Jiménez, José Manuel Fernandes, Niclas Herbst, Janusz Lewandowski, Andrey Novakov, Petri Sarvamaa, Angelika Winzig
Renew	Olivier Chastel, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Fabienne Keller, Moritz Körner, Nils Torvalds
S&D	Pietro Bartolo, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Maria Grapini, Eero Heinäluoma, Camilla Laureti, Margarida Marques, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Damian Boeselager, Francisco Guerreiro

2	-
ID	Joachim Kuhs
NI	Lefteris Nikolaou-Alavanos

1	0
The Left	Dimitrios Papadimoulis

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni